MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 622/2003/1

**Paul u Vincenza konjugi Tabone**

**v.**

**Dominic u Mary konjugi Cutajar**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Gunju 2003 gie premess illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fis-somma ta' tnax-il elf, lira Maltin

(Lm12,000) rapprezentanti din is-somma bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha lill-konvenuti u kkonsenjata flimkien ma’ l-imghaxijiet kummercjali, bl-oghla rata permessa mil-ligi in forza ta’ skrittura privata datata 26 ta’ April 1993 immarkat Dok. “GM”; illi ghalkemm mitlubin diversi drabi mill-atturi sabiex ihallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti; illi l-kreditu tal-atturi fis-somma ta’ tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000) flimkien ma’ l-imghaxijiet kummercjali, bl-oghla rata permessa mil-ligi, huwa cert, likwidu u esigibbli, u sa fejn jafu l-atturi, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda difiza valida opponibbli f’din il-kawza kontra t-talba taghhom ghall-hlas ta’ dik is-somma kif jidher mill-affidavit anness u markat Dok. PT; dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti:-

1. Taghti s-sentenza u tilqa’ it-talba attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167–170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Hekk tikkundanna minnufih lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta’ merkanzija mibjugha lill-konvenuti u kkonsenjata, flimkien ma’ l-imghaxijiet kummercjali, bl-oghla rata permessa mil-ligi.

3. Bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru u tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju li gew prezentati kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-konvenuti.

Fl-udjenza tad-9 ta’ Lulju 2003, l-ewwel Qorti ppermettiet lill-konvenuti jressqu l-eccezzjonijiet taghhom. B’nota pprezentata fil-21 ta’ Lulju 2003 il-konvenuti eccepew:-

1. Illi z-zewg talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi u dan stante li l-pretensjoni attrici tinsab preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta billi ghaddew aktar minn hames snin mid-data tal-imsemmija skrittura privata.

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kaz li tali eccezzjoni tigi michuda mill-Qorti l-ammont pretiz mill-atturi mhux dovut fit-totalita` tieghu ghax huwa esegerat u dan stante li skond l-istess skrittura esebita mill-atturi l-ammont tal-kapital reklamat minnhom huwa dak ta' Lm5,407.83 li maghhom ghandhom jinghaddu l-imghax tal-08% u meta wiehed jikkalkula l-ammont tal-imghax li skada sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni wiehed jasal ghall-figura globali ta' Lm10,272 u qatt ma jasal ghall-ammont pretiz mill-atturi fit-talba taghhom.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

**Is-sentenza appellata:**

Il-Prim Awla tal-Qorti civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-30 ta' Novembru, 2006 bil-mod segwenti:

"Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti fejn ecceppew il-preskrizzjoni abbazi tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16, u fil-waqt li tichad l-eccezzjoni l-ohra tal-konvenuti biss in kwantu l-istess hija nkompatibbli ma' dak hawn deciz, u tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz, b'dan illi:-

(2) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont ta' ghaxart elef mitejn u disgha u sebghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm10,279.62) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija mibjugha lill-konvenuti u kkonsenjata flimkien ma' l-imghaxijiet kummercjali, bl-ghola rata permessa mil-ligi.

"(3) Dan l-ammont ghandu jithallas bl-imghax relattiv sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju kontra l-konvenuti."

Dik il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"**(i) Mertu tal-vertenza.**

"Illi din hija kawza dwar kreditu fejn l-atturi jsostnu li l-konvenut Dominic Cutajar kien xtara merkanzija minghand l-attur Paul Tabone. Fis-26 ta' April 1993, il-partijiet iffirmaw skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu (Dok. "GM" a fol. 40 tal-process) fejn Dominic Cutajar f'ismu proprju ikkostitwixxa ruhu cert u likwidu debitur fis-somma ta' hamest elef erba' mija u seba' liri u tlieta u tmenin centezmu (Lm5,407.83) versu l-attur Paul Tabone. L-imsemmi debitu, flimkien ma' l-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tal-iskrittura sad-data tal-effettiv pagament, huwa ripagabbli fi kwalunkwe zmien a semplici rikjesta ta' Paul Tabone. Fl-istess skrittura gie dikjarat li apparti s-somma ta' Lm5,407.83 hija dovuta wkoll is-somma ta' erba' mija u tlieta u sebghin lira, tlieta u erbghin centezmu, u seba' millezmi (Lm473.43c7) rapprezentanti imghax mhux imhallas. Din is-somma hija wkoll ripagabbli a semplici rikjesta tal-kreditur fi kwalunkwe zmien. B'hekk l-atturi pprezentaw citazzjoni bil-procedura tal-giljottina fl-20 ta' Gunju 2003.

"Illi l-Qorti, kif diversament presjeduta, awtorizzat lill-konvenuti jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet. Fl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti eccepew li l-pretensjoni attrici hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 2156(f) tal-Kap.16** billi allegaw li ghaddew aktar minn hames snin mid-data tal-imsemmija skrittura privata. *Inoltre'* l-konvenut eccepixxa wkoll li f'kaz li l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tigi michuda, l-ammont pretiz mill-atturi mhux dovut fit-totalita` tieghu ghax huwa esagerat.

"**(ii) Apprezzament Legali.**

"Illi fl-ewwel lok ghandha tigi kkunsidrata l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni. Il-konvenuti eccepew l-**artikolu 2156(f) tal-Kap.16**. Dan l-artikolu jipprovdi li:-
"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:

"(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."

"Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Philip A. Tabone noe vs Concrete Mix Limited**" (P.A. (JRM) – 28 ta' Lulju 2004 - Cit. Nru: 1750/99/JRM) fir-rigward ta' dan l-artikolu jinghad li din hija wahda minn dawk imsejhin 'preskrizzjonijiet qosra'. Ghalhekk, kif inhu mghallem f'dan il-qasam, preskrizzjoni bhal din hija eccezzjoni ghar-regola generali tal-preskrizzjoni ta' tletin sena ghall-azzjoni civili. Ghalhekk, preskrizzjoni bhal din ghandha tinghata tifsira dejqa (Ara, per ezempju, ***Baudry-Lacantinerie et Tissier fit-Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile [Vol.XXVIII, 'Della Prescrizione'*** par.712). Issa jrid jinghad li ghalkemm il-kelma 'kreditu' tfisser kull jedd *in personam* li jaqbel ma' kull obbligazzjoni ta' debitur, jidher li fil-qafas tal-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta il-kelma 'kreditu' msemmija fil-paragrafu (f) tieghu ghandha tigbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra tal-jeddijiet imsemmija fil-paragrafi l-ohrajn tieghu (ara kawza fl-ismijiet "**Naudi vs Maltacom p.l.c**. P.A.(GCD) – 9 ta' Novembru 2001). Ta' min jghid li c-cirkostanzi kollha mahsubin fl-**Artikolu 2156** huma obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus u mhux obbligazzjonijiet di fare.

"Illi peress li l-preskrizzjoni 'residwali' mahsuba taht l-artikolu 2156(f) tal-Kap.16 hija suggetta ghall-interpretazzjoni "eiusdem generis", allura dan igib mieghu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus (App.Civ 7/2/1949 fil-kawza fl-ismijiet **Saliba et vs Grech** [Kollez. Vol.XXXIII.i.397]). Kemm hu hekk, inghad li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta' krediti : jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhalma huma l-flus

(P.A. 19/10/1954 fil-kawza fl-ismijiet **Mifsud vs Pullicino** [Kollez. Vol XXXVIII.ii.588])"

"Illi l-elementi kollha mehtiega biex titqies eccezzjoni bhal din jirrizultaw fil-kaz prezenti, billi l-kreditu pretiz mill-atturi huwa wiehed li jaqa' fil-parametri tal-krediti mahsubin fl-**artikolu 2156(f) tal-Kap.16.**

"Illi issa jrid jitqies jekk l-azzjoni tal-atturi saritx fiz-zmien jew jekk, bhalma qed isostnu l-konvenuti, kienx ghalqilha z-zmien utli biex tmexxi kontrihom. Infatti mhux kontestat li l-kawza odjerna giet intavolata aktar minn hames (5) snin mid-data tal-iskrittura li giet redatta fis-26 ta' April 1993. L-atturi min-naha taghhom isostnu li kien hemm zewg cirkostanzi li kisru l-preskrizzjoni eccepita u dan abbazi tal-**artikoli 2133 u 2134 tal-Kap.16**.

"Illi kif inghad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Mary Rose Tabone qabel Stellini vs Silvio Vassallo pro et noe**" (A. C. (PS) – 24 ta' Marzu 2004 - App.Civ.: 618/00/PS):-

"…hu ormai saldament pacifiku illi hekk kif tigi eccepita l-preskrizzjoni, in kwantu din timporta presunzjoni ta' pagament, il-pretiz kreditur jista' jikkumbattiha b'diversi modi. Jew billi jaghti l-gurament lill-konvenut, jew b'xi mezz iehor permess mil-ligi, cjoe, l-inamissibilita` ta' dik il-preskrizzjoni, u l-inapplikabilita` taghha, jew l-interruzzjoni jew is-sospensjoni taghha (Kollez Vol XXVIII pl p93; Vol XXXVII pII p626)".

"Illi l-**Artikolu 2133 tal-Kodici Civili** jipprovdi hekk :

"Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni bdiet miexja".

"Illi dwar dan l-artikolu l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Is-Socjeta' Kummercjali Dominic Department Stores Ltd vs Is-Socjeta' Kummercjali Malta Dairy Products Ltd**" (App.Civ : 150/98 – 30/05/03) qalet is-segwenti :-

"Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Mejju 1952 fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Micallef vs Brigadier John Bell Mc Canee noe jinghad hekk:-

"Illi r-rikonjizzjoni interruttiva ghar-rinunzja ghall-preskrizzjoni kompita tista' tkun diretta u espressa, b'dikjarazzjoni formali tal-volonta' li jigi rikonoxxut id-dritt; tista' tkun diretta u tacita, b'fatti li fihom infushom immedjatament juru dik il-volonta'; u tista' tkun indiretta jew prezunta, dedotta minn fatti konkludenti inkompatibbli mal-volonta' tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza u l-ezercizzju tad-dritt. Ir-rinunzja tacita hi kwistjoni tal-volonta' prezunta tad-debitur, u kwindi ma hemmx rinunzja jekk hu jesprimi ruhu b'mod li jimmanifesta pjuttost l-intenzjoni li ma jirrikonoxxix id-dritt;

"Ma hemmx dubju li, kif jghidu Marcade' u Pont (Spiegaz. Teor. Prat. Cod. Nap., XI P.190, para.179), "…….nel caso di contesa sulla circostanza della ezistenza della ricognizione, la prova appartiene a colui che la invoca……."

"Biex l-attijiet tad-debitur jigu nterpretati bhala rikonoxximent, jehtieg li jkunu univoci…..Il-Baudry-Lacantinerie (Tratt. Teor. Prat. Dto. Civ., pag.393 et seq) jikkontempla diversi kazijiet fejn tidhol il-kwistjoni tar-rikonoxximent, u jghid (ara nota (3) pag.393) illi:- 'Dei semplici colloqui tra creditori e debitori non potrebbero evidentemente implicare il riconoscimento del debito".

"Illi fis-sentenza "**Ramel u Zrar Limited vs Mixer Limited gja' Planka Limited et**" (P.A. (JRM) – 24 ta' April 2004 - Cit.Nru: 1394/00/JRM) intqal dwar dan l-artikolu:-

"Illi huwa accettat li l-gharfien jista' jkun kemm miftuh kif ukoll prezunt jew indirett, u lanqas huwa mehtieg li tali gharfien ikun dwar il-kwantita` jew il-kreditu kollu pretiz mill-kreditur, peress li dak l-gharfien jista' wkoll jirrigwarda kreditu li ghadu mhux likwidu (P.A. 5/6/1959 fil-kawza fl-ismijiet **Borg vs Brincat** [Kollez. Vol. XLIII.ii.744]). Ghalhekk, meta d-debitur ma jichadx id-dejn imma

jikkontesta l-ammont tieghu, ikun qieghed jinterrompi u bla ma jrid izomm iz-zmien preskrittiv li jkun beda jghaddi, u dan jghodd ukoll jekk tali gharfien isir wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni (P.A. PS 24/3/2004 fil-kawza fl-ismijiet **Tabone vs Vassallo pro et** u l-ghadd ta' sentenzi hemm imsemmijin fir-rigward)."

"Illi huwa wkoll risaput li "Id-debitur li jammetti li ghandu jaghti lill-attur, imma ma jirrikonoxxix bhala ezatta s-somma pretiza, jigi li jirrinunzja ghall-preskrizzjoni (**Gialanze vs Rizzo,** App. (Sede Inferjuri) – 29/01/98)." Dan gie kkonfermat fis-sentenza "**Mary Rose Tabone qabel Stellini vs Silvio Vassallo pro et noe**" (App. Civ: 618/00/PS) moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Marzu 2004.

"Illi l-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Cassar noe vs Sunny Muscat**" (A.I.C. 28 ta' April 2004 - App. Civ: 1230/97/PS) spjegat:-

"Ghall-precizazzjoni r-rikonoxximent ghall-iskop tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hi konfigurabbli mill-ko-ezistenza ta' dawn ir-rekwiziti, jigifieri, (a) il-volontarjeta'; (b) ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut; (c) l-inekwivocita` u dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt iehor li jimplika ammissjoni, ad exemplum, l-weghda tal-hlas, xi rikjesta biex jinghata dilazzjoni tal-pagament, u l-hlas akkont (Kollez Vol XXIX pI p755; Vol XLIII pII p744; **Victor Calleja noe vs Nazzareno Vassallo et noe**, App, 5/10/1998)".

"Illi fil-kawza "**Joseph Abela vs Francis Cassar noe et**" (A.C. – 14 ta' Jannar 2002 – Citaz.Nru:-1733/92/AM) gie ritenut li:-

"Fil-kaz li r-rikonoxximent isir wara li l-preskrizzjoni tkun gja' kompjuta allura dan l-att da parti tad-debitur jgib mieghu rinunzja ghall-istess preskrizzjoni u din bhal fil-kaz ta' interruzzjoni tkun tista' terga' tibda mixja mill-gdid" (Vol. XLVIIII.iii.1428). Gie wkoll ritenut illi "r-rinunzja ghall-preskrizzjoni hija aljenazzjoni favur il-kreditur tad-dritt akkwistat mid-debitur" (**Gargani vs Sant**, deciza minn din

il-Qorti fl-14 ta' Novembru 1873). Fl-iskorta ta' dan l-insenjament gie deciz illi f'kaz fejn it-terminu preskrittiv ikun gja' iddekorra wiehed ma setax jitkellem strettament minn interruzzjoni ta' perjodu preskrittiv imma ta' rinunzja ghall-perjodu preskrittiv gja' akkwistat. Fil-konfront tad-debitur l-effetti prattici jkunu tista' tghid l-istess (Vol. XXXVIII.i.544)".

"Illi l-artikolu 2134 tal-Kap.16 jipprovdi:-

"Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn, maghmul mid-debitur jew minn wiehed li jkun jidher ghalih."

"Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Mario Lapira vs C & A Company Limited**" (A.I.C. (PS) 2 ta' Gunju 2003 - App. Civ : 1507/00/PS) intqal :-

"Min-naha l-ohra jinsab ukoll ritenut illi l-pagament akkont tad-debitu jikkostitwixxi rikonjizzjoni tad-dejn (Vol.XXIX PI p755) u allura att minnu nnifsu interuttiv, ossija 'l'abdicazione di un diritto' (**Farrugia vs Perini,** P.A. 7/12/1901)".

"Illi fl-ahharnett terga' ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Mary Rose Tabone qabel Stellini vs Silvio Vassallo pro et noe et**" fejn il-Qorti tal-Appell qalet:-

"Jibqa' dejjem pero' obbligu ta' min jeccepixxi l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni li jipprovaha, u kif rilevat b'bosta decizjonijiet 'jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, ikun ugwalment fatt illi l-atturi ma ssodisfawx lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni' (Kollez. Vol.XXX pI p989), u f'kaz ta' dubju serju dan ghandu jmur favur dak li kontra tieghu qeghda tigi akkampata rinunzja ghad-dritt (Kollez. Vol. XXXII pI p44)".

"**(ii) Applikazzjoni tal-ligi ghall-kaz odjern.**

“Illi nghad li l-atturi qed isostnu li huma kredituri tal-konvenuti ghall-prezz ta’ merkanzija mibjugha u abbazi tal-iffirmar ta’ skrittura fejn kien hemm kostituzzjoni ta’ debitu.  Din l-iskrittura hija datata 26 ta’ April 1993.  Il-kawza giet prezentata fl-20 ta’ Gunju 2003.

“Illi l-konvenuti min-naha taghhom eccepew li l-azzjoni attrici hija preskritta billi ghaddew hames snin u dan *ai termini* tal-**artikolu 2156(f) tal-Kap.16**.

“Illi l-atturi ovvjament ma jistghux jikkontestaw il-fatt li l-hames snin mid-data tal-iffirmar tal-imsemmija skrittura verament ghaddew.  Izda jsostnu li din il-preskrizzjoni giet interrotta abbazi tal-**artikoli 2133 u 2134 tal-Kap.16**.

“Illi in sostenn li l-preskrizzjoni giet interrotta abbazi tal-**artikolu 2134 tal-Kap.16**, l-attur **Paul Tabone** xehed fl-affidavit tieghu (a fol 18 u 19 tal-process) li fl-14 ta’ Settembru 1999 mar il-konvenut fil-fond tan-negozju tieghu.  L-attur talbu jhallas u l-konvenut ghaddielu s-somma ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) permezz ta’ cheque numru 448117 mahrug mill-Bank of Valletta p.l.c.  mill-kont numru 10196790201.  Ir-ragel ta’ bintu, Jason Bianco, kien qieghed fl-ewwel sular tal-hanut, u l-attur talbu biex johrog id-debita ricevuta lill-konvenut.  Din infatti saret u ggib in-numru 00 1004 u l-konvenut inghata kopja taghha.  Kopja ta’ din ir-ricevuta giet ezebita u mmarkata bhala Dok.  “PT “1 (a fol.23 tal-process).  **Jason Bianco** fl-affidavit tieghu (a fol.20 tal-process) ikkonferma li huwa hareg ricevuta ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) li huwa gharaf bhala Dok.  “PT 1”.

“Illi dwar dan il-**konvenut Dominic Cutajar** meta xehed *viva voce* fis-seduta tat-18 ta’ Frar 2004 qal li huwa qatt ma kellu kont bankarju bin-numru 10196790201 u li l-ahhar li kellu kont bankarju kien fl-1992.  In kontro-ezami huwa qal ma jidhirlux li mar b’*cheque* ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) ghand Paul Tabone.  Huwa jsostni li m’ghamel l-ebda pagament ghalkemm jaf li rcieva rcevuta li kien hallas hamsin lira Maltin (Lm50).  Meta huwa rcieva l-ircevuta ma kkomunikax mal-atturi biex jara ghalfejn

irceviha. Wisq anqas ma staqsiehom dwar din l-ircevuta meta mar ghandhom kif ircieva l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Fis-seduta tad-29 ta' April 2005 il-konvenut xehed li huwa qatt ma rah ic-cekk.

"Illi meta xehed **Saviour Micallef**, rapprezentant tal-Bank of Valletta plc, esebixxa kopja fotostatika tac-cheque numru 448117 relattiv ghall-kont 10196790201 (a fol.54 tal-process). Dan kien cheque bill payable cioe' li huwa cheque bankarju garantit. Ix-xhud **Paul Gambina**, rapprezentant tal-istess Bank, xehed li ma setghetx tinghata nformazzjoni dwar min ordna dak il-*bill payable* minhabba li l-*order form* giet distrutta ghaliex hija *policy* tal-Bank li jiddistrugguhom wara tlett snin.

"Illi *in vista* ta' dan kollu din il-Qorti thoss li l-versjoni kif moghtija mill-atturi hija ferm aktar *verosimili* minn dik moghtija mill-konvenut. Fl-ewwel lok, m'hemmx bzonn li persuna jkollha kont bankarju biex tista' thallas b'cekk. Infatti gie ampjament pruvat li c-cekk in kwistjoni kien wiehed "*bill payable*" li gie mahrug mill-fergha ta' Santa Venera skond "*order form*" li tkun imtliet mill-klijent. Irrizulta li din l-"*order form*" giet distrutta. Il-konvenut xorta wahda baqa' jsostni li huwa m'ghamel l-ebda pagament. Izda meta jitqabblu z-zewg dokumenti ezebiti bhala provi attrici cioe' Dok. "PT 1" (a fol.23 tal-process) u l-"*bill payable*" (esebit a fol.54 tal-process) huwa evidenti li dawn jirreferu ghall-istess haga. L-ircevuta mahruga mill-attur datata 14 ta' Settembru 1999 tindika proprju li l-hlas sar bic-cekk tal-Bank of Valletta plc numru 448117 bin-numru tal-kont 10196790201, liema dettalji jaqblu perfettament mad-dokument li gie esebit mir-rapprezentant tal-Bank. Il-konvenut innifsu, inoltre', xehed li huwa rcieva kopja tal-imsemmija ircevuta pero' m'ghamel xejn biex jivverifika dwarha. Dan f'kull kaz, irrendi l-versjoni tal-konvenut xejn kredibbli u inversomili.

"Illi ghalhekk meta l-konvenut hallas lill-attur dawk il-hamsin lira Maltin (Lm50) kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni b'dan ukoll li fl-istess waqt l-istess konvenut gie li huwa rrikonoxxa d-debitu li huwa kellu ma' l-attur u ghalhekk il-preskrizzjoni ta' hames snin regghet bdiet

tghaddi mill-gdid (**artikolu 2136 tal-Kap 16**). Ladarba dan gara fl-14 ta' Settembru 1999 u l-kawza giet prezentata fl-20 ta' Gunju 2003 l-atturi kienu ghadhom fit-terminu biex huma jagixxu kontra l-konvenuti.

"Illi barra minn dan jinghad ukoll li l-atturi jsostnu li l-konvenut ammetta fil-presenza ta' xhieda li huwa debitur tal-attur u ghalhekk huwa anki ghal din ir-raguni li l-preskrizzjoni ta' hames snin giet interrotta.
"Illi in sostenn ta' dan l-**attur** fl-affidavit tieghu xehed li lejn l-ahhar ta' Lulju 2003 il-konvenut mar wahdu ghand l-attur u staqsieh ghalfejn ghamillu l-mandat u li xi darba kien jasal biex ihallsu. Qallu wkoll li kellu kawza pendenti fuq proprjetal-Fgura li dalwaqt kienet se tinqata' u li kif jirbah il-kawza, kien se jbiegh il-proprjeta' u mir-rikavat kien ser ihallas lill-attur. Huwa weghdu li mill-ammont li kien dovut huwa kien se jibda jaghmel pagamenti ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) fix-xahar. Minn dakinhar pero' l-konvenut qatt ma mar b'pagament. Jason Bianco kien prezenti ghal dan kollu. Infatti l-istess Jason Bianco kkonfermah fl-affidavit tieghu.

"Illi **Mark Anthony Tabone**, iben l-atturi, xehed ukoll li huwa kien jahdem ma' missieru f'Banju Boutique. Huwa kien il-bniedem li l-aktar kien jikkuntattja lill-konvenut kemm permezz tat-telefon kif ukoll kien imur personalment ghandu fil-hanut li kellu. Huwa kien jaghmel dan biex kemm jista' jkun iressaq lill-konvenut biex jibda jhallas. Huwa xehed li l-ahhar darba li ra lill-konvenut kien fil-bidu tas-sena 2001 go fiera n-Naxxar. Ix-xhud staqsa lill-konvenut meta se jkompli jhallas u huwa talbu biex jaghtih ftit cans ghax kien wasal biex jaghmel xi kuntratti fuq proprjeta'.

"Illi l-**konvenut** in kontro-ezami fis-seduta tat-18 ta' Frar 2004 cahad li huwa qal diskors fis-sens li huwa kien lest li jhallashom b'xi mod, tant li qal li mhux minnu li ftiehem biex ihallas xi rati ta' pagamenti. Fis-seduta tad-29 ta' April 2005, il-konvenut anke cahad li tkellmu fuq xi pagamenti u fuq ir-relazzjonijiet ta' bejniethom. Fuq domanda tal-Qorti specifika jekk kienx jaf li kien hemm bilanc huwa rrisponda "*Kont naf li kien hemm xi bilanci*

*zghar*". Dan kollu jwassal sabiex din il-Qorti ma taccettax il-verzjoni tal-konvenut, li fl-opinjoni taghha hija mhux biss *inverosimili*, izda kontradetta mix-xhieda prodotta mill-atturi.

"Illi ghalhekk hija l-opinjoni ta' din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti, li ghalhekk il-preskrizzjoni ta' hames snin giet ukoll interrotta wkoll abbazi tal-**artikolu 2133 tal-Kap.16**. Dan kemm ghaliex l-istess konvenut, kif xehed l-attur u x-xhieda minnu prodotti ammetta kemm-il darba li kellu jhallas tali debitu, izda wkoll ghaliex meta din il-Qorti diversament presjeduta, staqsiet lill-konvenut jekk huwa kienx jaf li kien hemm bilanc huwa rrisponda li kien jaf li kien hemm xi bilanci zghar. Kif irrizulta mill-gurisprudenza fuq imsemmija m'hemmx ghalfejn persuna tirrikonoxxi l-ammont kollu pretiz izda l-preskrizzjoni tista' tigi nterrotta jew irrinunzjata anki jekk persuna tirrikonoxxi li ghandha taghti parti mis-somma.

"Illi ghalhekk u konsegwentement din il-Qorti trid tillikwida s-somma dovuta. Filwaqt li l-atturi qed jallegaw li huma ghandhom jiehdu s-somma ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000), il-konvenut sostna fl-affidavit tieghu (a fol. 81 tal-process) li f'kaz li l-eccezzjoni tieghu tal-preskrizzjoni ma tintlaqax, huwa ghandu jhallas lill-attur s-somma ta' Lm10,815.66 u cioe' s-somma ta' Lm5,407.83 li jirraprezenta l-kapital u s-somma ekwivalenti li tirraprezenta l-imghax.
"Illi dwar dan jinghad li fis-26 ta' April 1993, il-partijiet iffirmaw kostituzzjoni ta' debitu (Dok. "GM" a fol.40 tal-process) fejn Dominic Cutajar f'ismu proprju ikkostitwixxa ruhu cert u likwidu debitur fis-somma ta' hamest elef erba' mija u seba' liri Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm5,407.83) versu l-attur Paul Tabone. L-imsemmi debitu, flimkien ma' l-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tal-iskrittura sad-data tal-effettiv pagament. Fl-istess skrittura gie dikjarat li apparti s-somma ta' Lm5,407.83 hija dovuta wkoll is-somma ta' erba' mija u tlieta u sebghin lira Maltin, tlieta u erbghin centezmu, u seba' millezmi (Lm473.43c7) rapprezentanti imghax mhux imhallas.

"Illi ghalhekk l-ammont dovut ghandu jigi kkalkulat bil-mod segwenti: Lm5,407.83 x 8% x 10 snin u xahrejn (cioe' mis-26 ta' April 1993 sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni fl-20 ta' Gunju 2003) li jammontaw ghas-somma ta' disat elef tmien mija u sitt liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm9,806.19). Ma' dan l-ammont irid jizdied l-ammont ta' Lm473.43c7. Biex b'hekk is-somma globali li l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-atturi hija ta' ghaxart elef mitejn u disgha u sebghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm10,279.62)."

**L-appell tal-konvenuti.**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors pprezentata fid-19 ta' Dicembru, 2006 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-atturi u dan wara li jigu akkolti l-eccezzjonijiet tal-konvenuti – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

L-atturi pprezentaw risposta ghall-appell tal-konvenuti fejn, filwaqt li rrilevaw li s-sentenza hija gusta u timmerita konferma talbu li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

**L-aggravji tal-konvenuti appellanti.**

Minn qari tar-rikors tal-appell jidher li l-konvenuti ressqu fir-realta` aggravju wiehed kontra s-sentenza appellata, liema aggravju gie sintetizzat fir-rikors tal-appell meta jinghad li l-ewwel Qorti "*evalwat hazin il-provi prodotti f'din il-kawza u waslet ghall-konkluzzjoni zbaljata meta cahdet l-eccezjonijiet taghhom.*"

**Ikkunsidrat:**
F'dawn il-proceduri l-atturi talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' LM12,000 rappesentanti bilanc ta'prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti, flimkien mal-imghax kummercjali bl-ghola rata

ta’ imghax, in forza ta’ skrittura privata datata 26 ta’ April, 1993.

Il-proceduri odjerni gew intavolati fl-20 ta’ Gunju, 2003 u cioe` kwazi ghaxar snin wara d-data tal-imsemmija skrittura u kien ghalhekk li l-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni estintiva a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u li, fi kwalunkwe kaz l-ammont reklamat kien eccessiv billi jeccedi l-ammont imsemmi fl-istess skrittura.

L-atturi laqghu ghall-eccezzjoni tal-konvenuti billi issollevaw l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni bil-pagament akkont u kif ukoll minhabba rikonoxximent tad-debitu da parti tal-konvenut. Fic-cirkostanzi l-ewwel Qorti ghalhekk ghamlet rassenja tal-punti legali, kif sorretti mill-gurisprudenza, ta’ kif l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni tista` tigi newtralizzata u senjatament ezaminat l-artikoli 2133 u 2134 tal-Kap 16 li jikkontemplaw l-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv meta jsir pagament akkont u rikonoxximent tad-debitu u, applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, u tenut kont tal-provi prodotti, waslet ghall-konkluzzjoni li l-kreditu tal-atturi kien ghadu dovut inkwantu kien irrizulta li l-konvenut kien irrikonoxxa d-debitu tieghu sew permezz ta’ pagament akkont kif ukoll minhabba li dan kien irrikonoxxa d-debitu tieghu fil-konfront tal-atturi. Dwar l-ammont li gie eventwalment likwidat bhala dovut l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammont imsemmi fl-iskrittura, ma dan ziedet l-imghax akkumulat mid-data tal-istess skrittura sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni u ziedet l-ammont ta’ LM473.43,7 imghax dekors sad-data tal-iskrittura, u b’hekk waslet biex ikkundannat lill-konvenuti ihallsu s-somma komplessiva ta’ LM10,279.62 (ossia €23945.07) oltre l-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

L-appell tal-konvenuti ma jghid xejn dwar il-konsiderazzjonijiet legali li ghamlet l-ewwel Qorti, u din il-Qorti, ezaminat dak li qalet dik il-Qorti taqbel pienament maghhom. Il-konvenuti, izda, qed isostnu li l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni hazina tal-provi prodotti biex waslet ghall-konkluzzjoni taghha.

Issa b'dan l-aggravju tal-konvenuti din il-Qorti qed tigi mitluba li tiddisturba d-decizjoni tal-ewwel Qorti fil-kuntest tal-provi prodotti. Izda huwa risaput li din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, normalment ma tiddisturbax decizjoni tal-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm apprezzament manifestament hazin tal-provi jew applikazzjoni hazina tal-ligi, kif gie ritenut ripetutament f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti.

Minn ezami tal-provi prodotti din il-Qorti ma tikkondividix is-sottomssjoni tal-konvenuti appellanti dwar l-apprezzament tal-provi billi jidher abbundantement pruvat li l-konvenut irrikonoxxa d-debitu tieghu favur l-atturi, u dan sew billi sar pagament akkont kif ukoll minn diskors li sar bejn l-istess konvenut u xhieda prodotti mill-atturi. Infatti huwa inverosimili dak li jsostni l-konvenut li huwa irceva ricevuta ghall-hlas ta' LM50 u ma ghamel ebda indagini dwarha, meta skond hu, ma kien ghamel ebda pagament u dan apparti l-fatt li gew prodotti xhieda li jikkonfermaw li sar dan il-pagament mill-istess konvenut u nhargitlu ricevuta. Huwa daqstant inverosimili dak li jsostni l-konvenut li meta huwa iltaqa' ma iben l-attur, li huwa jafu bhala l-persuna li tiehu hsieb id-debituri tal-attur, f'dik l-okkazzjoni ma sar ebda diskors dwar id-debitu tieghu. Ghall-kuntrarju x-xhieda ta' Mark Anthony Tabone dwar l-inkontru li kellu mal-konvenut f'xi fiera n-Naxxar hija dettaljata hafna. Hemm dan ix-xhud mhux biss jaghti dettalji ta' proposti maghmula mill-konvenut dwar pagamenti wara li dan jaghmel xi kuntratti konnessi ma' xi proprjeta` li kellu, informazzjoni li dan ix-xhud seta' biss akkwista mill-konvenut personalment u li ma gietx michuda, talli dan ix-xhud ighid li l-konvenut kien rikonoxxenti ghall-mod kif missieru ittratta mieghu.

Kollox ma kollox, din il-Qorti tikkondividi l-hsieb tal-ewwel Qorti li l-verzjoni tal-konvenut hija inverosimili u anke kontradetta mill-provi prodotti. Ghalhekk ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni raggunta minn dik il-Qorti.

Ghar-ragunijiet fuq esposti l-appell tal-konvenuti qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------